**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Keith-Joseph Mallia**

Numru: 149/2013

Illum 12 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Keith-Joseph Mallia**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Emanuel u Theresa neé Sciberras, imwieled Attard fis-6 ta' Marzu 1971, residenti Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 148471(M)

akkuzat talli talli nhar il-11 ta' Frar 2013, ghall-habta tad-2100hrs, gewwa Zejtun:

1. flimkien ma' persuni ohra, ikkommetta serq ta' gojjellerija u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Michael Caruana ta' hamsa u sebghin (75) sena u cioé persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, liema serq sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna u/jew sekwestru tal-persuna, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' l-istess Michael Caruana u/jew ta' xi persuna/i ohra;

2. flimkien ma' persuni ohra, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Michael Caruana ta' hamsa u sebghin (75) sena kontra l-volonta' tieghu liema persuna waqt l-arrest, zamma jew sekwestru giet offiza fuq il-persuna u/jew mhedda bil-mewt, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu;

3. flimkien ma' persuni ohra, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Michael Caruana, anzjan ta' hamsa u sebghin (75) sena f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Andrew Farrugia Wismayer Med. Reg. 5345;

4. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. fl-istess zmien u cirkostanzi akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti (*pepper spray*);

6. kiser il-kundizzjonijiet ta' zewg digrieti li bihom inghata l-liberta' provizorja, imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta u Ghawdex) f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Keith-Joseph Mallia bhala recidiv ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi

saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' Keith-Joseph Mallia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li l-flejjes imposti fuqu jghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikoli 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, armi u/jew ghodod ohra li ntuzaw waqt id-delitt fosthom vann Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Keith-Joseph Mallia jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex, f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 160/13 redatt mill-Magistrat Dr. Carol Peralta (Dok. "CF 1" – *a fol.* 36 *et seq.*), liema Process Verbal jirrigwarda serq fuq Michael Caruana gewwa Garage No. 12, Triq it-Tamburin, Zejtun nhar il-11 ta' Frar 2013.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 548) datata 31 ta' Lulju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 267, 270, 274(c), 275, 276A, 277(a), 279(b), 280(2) u 280(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 86, 87(1)(c), 87(1)(e) u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 214, 215, 221(1), 221(2) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 55(a), 55(b) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikolu 3(a) u s-sub-inciz 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 480 tal-Ligiijet ta' Malta;
(f) fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikoli 23, 23A(2), 23A(3) u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 550), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-31 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 548), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 569 *et seq.*), lid-difiza tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' l-kontro-ezami ta' Michael Caruana li xehed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 563 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 581 *et seq.*), lid-difiza tiddikjara li l-imputat kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 581 *et seq.*), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, lill-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit tixhed (*a fol.* 587 *et seq.*), waqt liema depozizzjoni

pprezentat is-*Social Inquiry Report* redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MZ 1" (*a fol.* 589 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-20 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 613 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fid-29 ta' April 2019 (*a fol.* 624 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed **Michael Caruana** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-11 ta' Frar 2013 ghall-habta tat-20.15pm qabel hareg mill-*pitch* tal-bocci f'Hal-Ghaxaq ra zewgt itfal tal-imputat li bdew jghidulu li kien sella ghalih in-nannu u li c-crieket li kellu kellu bhalhom in-nannu. Jghid li hareg u mar fejn ghandu garaxx *basement* fiz-Zejtun, f'liema hin kien wahdu, u hekk kif nizel il-vettura u mar jiftah il-garaxx, u wara li kien fetah nofs, sab ragel fuqu li qabdu u tefghu l-gewwa. Jghid li qabdu minn idejh u minn go wiccu, habbtu mal-faccata tal-garaxx u tefghalu *spray* go ghajnejh, tajjarlu n-nuccali u l-*hearing aid* u ma setghax jiccaqlaq. Jghid: *"Ma ccaqlaqtx u lanqas tkellem hu, ma tkellimt xejn dak il-hin, xejn m'ghidt"* (*a fol.* 48). Jghid li kien l-imputat li qabdu minn idejh. Mistoqsi mill-Qorti kif gharfu u jekk kellux wiccu mikxuf, wiegeb: *"Le, ma kellux wiccu mikxuf. Imma fl-ahhar, meta haduli kollox, kellimni, qalli, "ara ma tmurx tirraporta lill-Pulizija, ghax noqtlok!". Ghidt dan it-tali, mill-ewwel"* (*a fol.* 48). Jixhed li l-imputat kellu biss halqu u ghajnejh mikxufin. Jghid li fil-pront ra xi hadd iehor gej li kkonkluda li kienet mara minhabba l-mixja taghha u waqt li l-imputat beda jzommu, din marret biex tehodlu l-affarijiet u kompla jikkonferma li hija mara mir-rieha ta' fwieha li kellha. Jghid li anke din il-persuna kellha wiccha mghotti pero' kellha halqha u ghajnejha aktar mikxufin. Jixhed li din il-persuna ma kellmitux. Jghid li minkejja li nghalaq il-garaxx go wiccu, minkejja

li ma kienx qed jara bl-*ispray* li kellu go ghajnejh, tela' jigri minn gol-garaxx u setgha jara vann Isuzu ahmar bil-kaxxa, liema vann jghid gie li rah qabel f'Hal-Ghaxaq u li jghid li jaf li huwa ta l-imputat, liema vann kien diga startjat meta rah u li mar fid-direzzjoni ta' Triq tal-Barrani u kellu bicca *plastic* ittir. Jghid li l-imputat kien liebes gakketta kulur ahdar, qalziet komuni u zarbun. Jghid li meta l-imputat zammu mal-hajt, l-imputat tefa' siequ fuq siequ biex ma jiccaqlaqx u z-zarbun immarka l-qiegh kollu fuqu. Jghid li z-zarbun tieghu gie mehud mill-Pulizija. Jghid li sofra griehi fuq wiccu, specifikament fuq ghajnejh tal-lemin u dik tax-xellug u mistoqsi jghid dawn biex gew, wiegeb: *"Dawk b'idejh hu nahseb tani dak il-hin"* (*a fol.* 52). Jghid li kellu wkoll griehi go nofs dahru bil-konsegwenza li ma setghax icaqlaq dahru.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kemm kien ilu ma jara lill-imputat qabel dakinhar, jghid: *"Kont ilni ma narah ftit ghax gieli rajtu gie jixtri s-sigaretti"* (*a fol.* 53). Jghid li hu (Caruana) ikun hafna drabi Hal-Ghaxaq. Mistoqsi jghid kemm kien ilu ma jkellem lill-imputat, wiegeb: *"Kont narah ghaddej"* (*a fol.* 53). Jghid li lill-imputat kien ilu hafna ma jkellmu pero' jghid li jaf lill-imputat mindu l-imputat kien zghir ghax l-imputat kien imur ma' missieru (ma' missier l-imputat) jispara l-plattini maghhom u hu (Caruana) kien imur il-hanut taghhom. Jghid li kien aktar ikellem lit-tfal tieghu (tal-imputat). Mistoqsi jghid jekk kienx johrog mal-imputat jew imurx jiekol mieghu jew imurx ipacpac mieghu, wiegeb: *"Le, le, le! Hemmhekk biss kont niltaqa' mieghu jien"* (*a fol.* 55).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 563 *et seq.*), spjega li z-zewgt itfal li ra meta kien jinsab fil-klabb tal-bocci kienu t-tfal tal-imputat. Jghid li lit-tfal tal-imputat kien ilu jafhom u li mhux l-ewwel darba li kienu jieqfu jpacpcu mieghu. Jghid li anke missier l-imputat jafu u jkellmu. Jghid li ilu jmur il-klabb tal-bocci ghal xi tletin sena u li t-tfal tal-imputat jkunu hemm spiss. Mistoqsi jghid kemm kien hemm nies meta mar fil-garaxx, wiegeb li huwa ra tnejn min nies u li wahda kellha l-figura ta' mara u kellha wkoll fwieha ta' mara. Mistoqsi jghid jekk hu gharafx lil xi hadd minnhom, wiegeb: *"Jiena lilha ma stajtx naghrafha ghax hu*

*jzommni, tefali l-bzar go ghajnejja u ma stajtx naghrafha min kienet, lilu gharaft jien qabel ma tefali"* (*a fol.* 565).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed ukoll **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur James Grech** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li fil-11 ta' Frar 2013 ghall-habta tal-10.00pm kien gie nfurmat mill-iSpettur Carol Fabri li kien sar *mugging* gewwa z-Zejtun fuq Michael Caruana. Spjega x'qaltlu l-iSpettur Carol Fabri, ta' dak li nghad lilu meta l-Pulizija marru fuq il-post u ta' dak li nghad minn Michael Caruana. Jixhed fuq il-fatt li gie arrestat l-imputat u li nzamm il-vann Isuzu ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986 kif deskritt minn Michael Caruana. Jghid li meta l-imputat gie biex jirrilaxxa l-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu. Jghid ukoll li Lucienne Mallia, mart l-imputat, irrilaxxat stqarrija u jghid li kellha alibi li dakinhar tal-akkadut l-imputat kien ser iwassalha l-Gzira ghall-habta tas-18.45pm. Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa z-zewg stqarrijiet li jinsabu *a fol.* 12 *et seq.* u *a fol.* 15 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur James Grech** (*a fol.* 145) ipprezenta certifikat tat-twelid li gie mmarkat bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 198) u kif ukoll zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JG 2" u Dok. "JG 3" (*a fol.* 199 *et seq.*).

Illi l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur James Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014 (*a fol.* 267) fejn ezebixxa bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 268 *et seq.*) kundizzjonijiet tal-imputat Keith-Joseph Mallia fil-kawza **Il-Pulizija vs. Keith-Joseph Mallia** hekk kif moghtija lilu fis-16 ta' Lulju 2011, fejn jinghad li l-kawza kienet ghadha pendenti u li l-kawza qed tinstema' quddiem din il-Qorti kif preseduta pero' fil-Qorti ta' Ghawdex.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed **Dr. Joe Mifsud** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn spjega li kien appuntat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Carol Peralta. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 70 *et seq.*). Jghid li huwa tkellem ma' Michael Caruana, li qal li ghandu ftit problema bis-smiegh, u li, f'hin

minnhom, identifika lil persuna li allegatament hadet sehem fl-aggressjoni fil-konfront tieghu.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **PC 1331 Darren Debattista** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2013 kien nominat bhala *Scene of the Crime Officer* biex jigbed ritratti wara li kien acceda fuq il-post ma' PC 650 dwar allegat serq armat fuq il-persuna ta' Michael Caruana. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "DD 1" (*a fol.* 106 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **Dr. Anthony Bonnici** (in rapprezentanza ta' Go Mobile and Communications Limited – *a fol.* 124 *et seq.*) fejn qal li gew mitluba jipprezentaw *localisation details* tan-numru tal-*mobile* 79803635 fil-11 ta' Frar 2012 bejn is-18.00pm u l-23.00pm. Dawn id-dettalji kif ukoll id-dettali tar-registrazzjoni gew immarkati bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 127 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **Stephen Cachia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 131 *et seq.*) fejn spjega li vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986 huwa Isuzu Truck ta' kulur ahmar u li ilu registrat fuq Emanuel Mallia (I.D. 433444(M)) mill-5 ta' Marzu 1992. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 133 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed **Dr. Andrew Farrugia Wismayer** (*a fol.* 147 *et seq.*) fejn filwaqt li kkonferma li c-certifikat li jinsab *a fol.* 17 tal-process gie mhejji minnu, ikkonferma wkoll l-kontenut tieghu. Spjega x'griehi kkonstata li kellu Michael Caruana meta ezaminah fit-12 ta' Frar 2013, liema griehi jghid li gew ikklasifikati bhala hfief salv kumpilazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjega li gie nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti. Ezebixxa kopja tal-filmat u tal-i*stills* mehuda mill-istess filmat li gew immarkati bhala Dok. "SFS 1" (*a fol.* 151 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn spjega li huwa ezamina lil Michael Caruana fejn irrizulta li kellu abrazjoni fuq in-naha tax-xellug tal-mohh li kellha qoxra xotta li kienet ilha li saret madwar jumejn mid-data tal-ezami medikolegali. Jghid li din kienet kompatibbli ma' girfa. Jispjega li Caruana kellu tbengila fuq in-naha tal-lemin tal-mohh, li mill-kulur taghha seta' jara li kienet ilha madwar jumejn u li kienet kompatibbli ma' *blunt trauma.* Jghid li kkonstata li l-lezjonijiet kienu ta' natura hafifa. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 172 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 650 Justin Tabone** (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn qal li kien gie nominat bhala *Scene of the Crime Officer* fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa xkora bl-ezebiti, liema xkora giet immarkata bhala Dok. "JT 1" u kif ukoll rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JT 2" (*a fol.* 187 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehdet ukoll **Mary Tanti** (in rapprezentanza tal-Ufficcju Elettorali – *a fol.* 195) fejn ipprezentat bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 197) *records* ta' missier Keith-Joseph Mallia (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 148471(M)).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, dehret ukoll **Lucienne Mallia** (*a fol.* 145) li ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri *stante* li hija mart l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, xehdet l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Carol Fabri** (*a fol.* 212 *et seq.*) fejn qalet li fil-11 ta' Frar 2013 kienet giet infurmata minn PS 827 Edward Grech li kienet sehhet serqa fuq anzjan go garaxx fiz-Zejtun. Tghid li l-allegat vittma kien indika xi persuna li allegatament wettaq ir-reat u x'kienet liebsa u li l-vittma qal li kienu nsterqulu xi deheb u l-kartiera. Tghid li hi tat struzzjonijiet lis-Surgent biex imur fuq il-persuna tal-imputat, li nstab fir-residenza tieghu bl-istess hwejjeg li ndikalhom il-vittma. Tghid li ordnat li l-imputat jigi arrestat u li nfurmat lill-iSpettur James Grech. Tispjega li gie mitkellem l-imputat u martu, u dana peress li l-vittma kien indika li kien hemm mara. Tghid li l-vittma ndikalhom vann li kien jaqbel ezatt ma' dak li kellu l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **PS 827 Edward Grech** (*a fol.* 214 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2013 ghall-habta tad-21.15pm kien gie nfurmat li kien hemm argument go blokka ta' garaxxijiet fiz-Zejtun. Jghid li mar fuq il-post ma' shabu fejn irrizultalu li kien hemm persuni mghammda li stennew lil Michael Caruana li hekk kif nizel fil-garaxx tieghu, dawn qabzu fuqu, zammewh kontra l-volonta' tieghu kif ukoll serqulu l-flus mill-kartiera kif ukoll id-deheb. Jghid li hu tkellem ma' Michael Caruana u jghid x'qallu, fosthom li hadulu minn fuqu deheb, il-kartiera u l-ammont ta' mija u tmenin Euro (€180.00). Jghid li Caruana kien identifika lil wiehed minnhom bhala Keith li jghidulu "n-Nammu" fejn qallu li kien liebes flokk *camouflage* bhal ma jilbsu l-kaccaturi fil-waqt li kien hemm persuna ohra maskili u l-iehor aktarx kienet mara, biss ma kienx cert. Jghid li minn filmat tal-*cameras* ra vann tal-ghamla Isuzu ahmar jghaddi minn quddiem il-garaxxijiet u li minn fuq il-post gew elevati bott tal-*pepper spray* kif ukoll z-zarbun tal-vittma peress li l-aggressur kien rifes lil Caruana u baqghetlu marka taz-zarbun. Jghid li nforma lill-iSpettur li baghtitu jfittex lill-imputat fejn dan instab aktar tard fid-dar tieghu u fejn cahad kull involviment tieghu f'dan il-kaz. Jghid li tkellem ma' mart l-imputat u jghid x'qaltlu. Jispjega li l-vann Isuzu huwa registrat fuq isem missier l-imputat u li meta mar id-dar tal-imputat, l-imputat kien liebes l-istess flokk tal-*camouflage*. Jghid: *"niftakar ukoll x'hin morna l-Ghassa wara ghidtlu ha nara naqra z-zarbun li kien liebes dak il-hin u vizwalment ir-rifsa li kien hemm fuq iz-zarbuna tal-vittma kienet ezatt bhaz-zarbun li kellu Keith-Joseph Mallia, fil-fatt tlabtu u hadtulu wkoll iz-zarbun"* (*a fol.* 216). Jghid li wiehed mill-aggressuri rifes lill-vittma fuq saqajh bil-konsegwenza li l-*print* taz-zarbun baqghet fuq iz-zarbun tal-vittma. Jghid li huwa ha wkoll iz-zarbun tal-vittma. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "EG 1" (*a fol.* 218 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 256 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat bhala espert biex jaghmel ezami komparattiv bejn zarbuna u ohra kif ghamel riferenza ghalihom fid-depozizzjoni tieghu. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 234 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014, xehed **Profs. Alfred Vella** (*a fol.* 274 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti. Jixhed li meta kien qed iwettaq l-inkarigu moghti lilu ma nstab xejn li seta' jorbot il-*pepper spray* ma' *t-shirt.* Jghid ukoll: *"ma ghandhiex informazzjoni ta' kemm kien ilu li ngabar il-materjal u tpogga fil-borza tan-nylon. Qed nghid 'il ghaliex huwa maghruf illi dawn il-komposti huma pjuttost volatili, jigifieri jtiru malajr u allura jekk ghadda perjodu ta' zmien sinifikanti seta' kien hemm xi haga u ma ghadhiex tidher"* (*a fol.* 274). Mistoqsi jghid jekk il-*cannister* kienx vojt, wiegeb li kien kwazi vojt imma kien hemm ftit qtar illi nizlu minn liema seta' jaghmel l-analizi tieghu. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "AV 1" (*a fol.* 276 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 283a) fejn spjega li kien qed jixhed bhala l-persuna responsabbli mill-*Asset Management* u ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali. Jghid li hejja l-elenku tal-assi ta' Keith-Joseph Mallia li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (*a fol.* 284 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit** (*a fol.* 587 *et seq.*) fejn ikkonfermat li hija hejjiet *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "MZ 1" (*a fol.* 589 *et seq.*). Tixhed li l-aktar fatturi predominanti li hargu minn dan ir-rapport huwa l-abbuz tad-droga kif ukoll il-mod kif l-imputat jikkontrolla r-rabja tieghu u dana peress li matul il-process li kien qed jinkiteb ir-rapport kien hemm incident ta' vjolenza fuq il-mara tieghu. Tghid li l-imputat inghata diversi cansijiet u dati sabiex imur l-ufficcju sabiex jissottometti ruhu ghall-kampjun tal-urina u li hi spiccat kwazi spiccat iccempillu kull darba biex tfakkru, pero' l-imputat baqa' ma marx. Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-*Probation* qalet is-segwenti fir-rigward ta' Pjan ta' Kura:

*"Mill-kuntest ta' dan ir-rapport jidher li Keith jinsab imdawwar b'cirkostanzi li qeghdin joholqu instabbilita' f'hajtu. Fl-istess waqt jidher li Keith qatt ma fittex l-ghajnuna professjonali. Fost dawn hemm ukoll l-*

*abbuz tad-droga u ghalhekk Keith ghandu jfittex li jikkontrolla dan, l-aktar fid-dawl tal-fatti li wkoll ghandu r-responsabbilitajiet familjari.*

*Ghalhekk, Keith-Joseph Mallia ghandu jfittex li jindirizza b'mod konsistenti u aktar serju din il-problema, kif ukoll jindirizza t-temperament tieghu. Ghaldaqstant, Keith ghandu jinghata ghajnuna psikologika, dik ta' anger management sabiex ikun jista' jindirizza l-problema tal-aggressivita'. Ma' dan ukoll Keith ghandu jfittex kull ghajnuna possibbli sabiex jindirizza l-problema tad-droga. Dan jintlahaq billi jistabilixxi kuntatt mal-agenziji kontra t-tehid tad-droga"* (*a fol.* 596).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak

li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tal-11 ta' Frar 2013 waqt li certu Michael Caruana kien fil-garaxx tieghu fiz-Zejtun, huwa safa' misruq u spicca sofra griehi fuq wiccu. Mill-istess atti processwali jirrizulta li l-imputat gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet: gie akkuzat b'serq ikkwalifikat b'numru ta' kwalifiki, b'arrest/sekwestru kontra l-ligi, b'li kkaguna griehi ta' natura hafifa, b'li kellu fuqu arma jew imitazzjoni ta' arma regolari,

b'li kellu fil-pussess tieghu *pepper spray* u b'li kiser kundizzjonijiet meta nghata l-liberta' provizorja. Il-Qorti giet mitluba, fost l-ohrajn, sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 613 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmija Nota, id-difiza, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 624 *et seq.*), tissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi sal-grad li titlob il-ligi fil-kamp penali u ssostni li l-imputat ghandu jigi liberat minn dak li gie akkuzat bih.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti taghmel riferenza ghaz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat (wahda rilaxxata fit-12 ta' Frar 2013 (*a fol.* 12 *et seq.*) u ohra fit-13 ta' Frar 2013 (*a fol.* 15 *et seq.*)), f'liema stqarrijiet l-imputat kwazi ma wegibx ghad-domandi kollha sarulu. Il-Qorti tinnota li dawn l-istqarrijiet (inkluz ix-xiehda tal-Ufficjali Prosekuturi in kwantu dawn jirreferu ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni, skond il-kaz) ser jigu skartati u dana peress li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel gew mehuda z-zewg stqarrijiet tal-imputat), u minkejja li l-imputat nghata dan id-dritt li huwa ha, jirrizulta li l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrijiet u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdu l-istqarrijiet in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

Illi l-insejament kontenut fil-paragrafu precedenti ma japplikax ghal dak elevat minn PS 827 Edward Grech fejn fid-depozizzjoni tieghu qal, fost l-ohrajn, li gie elevat z-zarbun tal-vittma u li ha hsieb li jigi elevat ukoll iz-zarbun tal-imputat ghar-ragunijiet imsemmija minnu fid-depozizzjoni tieghu. Ghaldaqstant, it-talba tad-difiza kif

tirrizulta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 631) sabiex il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-marka taz-zarbun li ttiehdet mill-qiegh taz-zarbun tal-imputat *stante* li ma kellux id-dritt li jkollu l-avukat prezenti waqt l-elevar tal-provi u li skond id-difiza jwassal li tali elevar tal-provi huwa inammissibbli qed tigi michuda. Din it-talba qed tigi michuda *stante* li PC 650 Justin Tabone gie nominat bhala *Scene of the Crime Officer* u kellu l-inkarigu moghti mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel tiftix ghal xi evidenza forensika li seta' kien hemm, elevar ta' oggetti u kampjuni necessarji u sabiex jippreserva u jissiggila dak kollu elevat (*Vide* Dok. "JT 2" – *a fol.* 187 *et seq.*).

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Valur u bil-Hin ghad-detriment ta' Michael Caruana)**:
Illi *stante* li l-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrigwarda serq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Waqt id-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti, Michael Caruana jirreferi ghall-aktar minn persuna wahda li kienet involuta fis-serqa dakinhar tal-11 ta' Frar 2013 tard filghaxija u jispjega kif wara li mar jiftah il-garaxx, sab ragel fuqu li qabdu u tefghu l-gewwa. Minkejja li jghid li dan il-persuna ma kellux wiccu mikxuf u li kellu biss mikxuf halqu u ghajnejh, minkejja li giet mtajjra l-*hearing aid* tieghu, u minkejja li ghall-ewwel dan il-persuna ma qallu xejn, huwa (Caruana) gharaf li dan il-persuna kien l-imputat u gharfu minn lehnu meta qallu, *""ara ma tmurx tirraporta lill-Pulizija, ghax noqtlok!""* (*a fol.* 48). Michael Caruana qal l-istess haga meta xehed fit-12 ta' Frar 2013 quddiem l-Espert Dr. Joe Mifsud li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 92).

  Minkejja li Caruana ma kienx qed jara bl-i*spray* li kellu f'ghajnejh, meta nghalaq il-garaxx, huwa tela' jigri u ra vann Isuzu ahmar bil-kaxxa li kien jaf li kien ta' l-imputat, liema vann kien diga startjat meta rah u mar fid-direzzjoni ta' Triq tal-Barrani. Spjega wkoll li l-imputat kien liebes gakketta kulur ahdar, qalziet komuni u zarbun u li meta l-imputat zammu mal-hajt, l-imputat rifislu siequ b'saqajh biex ma jiccaqlaqx u li z-zarbun tal-imputat immarka l-qiegh tieghu fuq iz-zarbun tieghu (ta' Michael Caruana).

In kontro-ezami, jghid li qabel dakinhar tas-serqa lill-imputat kien ilu ma jarah u jghid li gie li rah jixtri s-sigaretti u li hu (Caruana) ikun hafna drabi Hal-Ghaxaq. Spjega kif lill-imputat kien ilu jafu mindu l-imputat kien zghir.

- Minkejja li fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, id-difiza ghan-nom tal-imputat ivverbalizzat is-segwenti: *"Dott. Jose Herrera jirrileva illi x-xhud [Michael Caruana] jbaghti serjament mis-smiegh tant li sab diffikoltajiet kbar biex jikkomunika mieghu waqt il-kontro-ezami"* (*a fol.* 35), il-Qorti tinnota li fl-imsemmija seduta, il-Qorti vverbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti tinnota illi filwaqt li hu minnu li Michael Caruana jirrizulta li ma jismax kompletament sew, u dan jirrizulta minn meta gew mistoqsija lilu domandi kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami, meta gew mistoqsija lilu dawn id-domandi b'vuci gholja, hu seta' jwiegeb"* (*a fol.* 35). Ma' dan il-Qorti zzid tghid ukoll li minkejja li huwa fatt li l-imputat ghandu problema bis-smiegh (dan jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni ta' Dr. Joe Mifsud li gie appuntat bhala Espert fl-Inkjesta Magisterjali), tant li jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu li huwa kellu l-*hearing aid* li giet mtajjra, il-Qorti tinnota li minkejja li jirrizulta mid-depozizzjoni tax-xhud li xi drabi huwa gie mistoqsi mistoqsijiet aktar minn darba, pero' jirrizulta li Caruana xorta wiegeb. Il-Qorti tinnota li mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tax-xhud Michael Caruana (*a fol.* 46) jirrizulta li l-Qorti stiednet lill-Prosekuzzjoni tistaqsi d-domandi taghha mill-mikrofonu tad-difiza *stante* li d-difiza kienet aktar vicin ix-xhud milli kienet l-istess Prosekuzzjoni. Apparti minn dan, ghandu jinghad ukoll li minkejja li l-*hearing aid* ta' Michael Caruana sfat imtajra, jirrizulta li l-persuna li zammitu, li skond Caruana kien l-imputat, kienet vicin hafna tant li kellu siequ fuq sieq Caruana u kien car ghal Caruana li jifhem dak li nghad lilu u li kien car li Caruana jaghraf il-vuci tal-persuna li bdiet izzommu!

- PS 827 Edward Grech xehed li Michael Caruana identifika lill--wiehed mill-persuni mghammda bhala Keith li jghidulu n-"Nammu" tant li jghid li dan Keith kien liebes flokk *camouflage* bhal ma jilbsu l-kaccaturi. Ikkonferma li minn filmat tal-

*cameras* ra vann tal-ghamla Isuzu ahmar jghaddi minn quddiem il-garaxxijiet u li minn fuq il-post gew elevati bott tal-*pepper spray* kif ukoll z-zarbun tal-vittma. Jghid li meta mar id-dar tal-imputat, l-imputat kien liebes flokk tal-*camouflage* u li meta talab lill-imputat sabiex jara z-zarbun li kien liebes dak il-hin, vizwalment ir-rifsa li kien hemm fuq iz-zarbuna tal-vittma kienet ezatt bhaz-zarbun li kellu Keith-Joseph Mallia u b'hekk PS 827 ha z-zarbun tal-imputat.

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur James Grech xehed, fost l-ohrajn, fuq il-fatt li gie arrestat l-imputat u li gie mizmum l-vann Isuzu ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986 kif deskritt minn Michael Caruana.

- Minn Dok. "AB 1" (*a fol.* 127 *et seq.*) ezebiet minn Dr. Anthony Bonnici (in rapprezentanza ta' Go Mobile and Communications Limited) jirrizulta li n-numru tal-*mobile* 79803635 jappartjeni lill-imputat u li mill-*localisation details* tan-numru msemmi jirrizulta li dakinhar tal-11 ta' Frar 2013 fil-hinijiet tas-serqa l-*mobile* in kwistjoni kien *pressapoco* fil-lokalita' fejn sehhet is-serqa

- Ir-rapprezentant ta' Transport Malta, Stephen Cachia spjega li vettura Isuzu ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986 ilu registrat fuq certu Emanuel Mallia (I.D. 433444(M)) sa mill-5 ta' Marzu 1992. Dan jirrizulta wkoll minn Dok. "SC 1" (*a fol.* 133 *et seq.*). Jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-imputat (*a fol.* 7) li missier l-imputat huwa Emanuel Mallia u li waqt id-depozizzjoni taghha, ir-rapprezentanta tal-Ufficcju Elettorali Mary Tanti ezebiet bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 197) *records* ta' missier Keith-Joseph Mallia (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 148471(M)) minn liema *records* jirrizulta li huwa Emanuel Mallia (I.D. Nru. 433444(M)). Ghandu jinghad ukoll li d-depozitu ta' elf Euro ((€1000) ta' meta l-imputat inghata l-liberta' provizorja gie mhallas minn Emanuel Mallia (ID. 433444(M)) (*a fol.* 139 u 141).

- Mir-rapport (Dok. "JM 1" – *a fol.* 70 *et seq.*) redatt mill-Espert Dr. Joe Mifsud jirrizulta li Michael Caruana xehed li minn

ghonqu hadulu l-gizirana, minn idu hadulu zewg crieket kbar, kollox tad-deheb u l-kartiera li kien fiha mija u tmenin Euro (€180). Mill-istess rapport jirrizulta li x-xhud spjega li d-deheb jiswa′ madwar tlitt′elef u hames Euro (€3005).

- Kemm Dr. Andrew Farrugia Wismayer u kif ukoll Dr. Mario Scerri xehdu li meta huma ezaminaw lil Michael Caruana kkonstataw li l-imsemmi Caruana sofra griehi ta′ natura hafifa. Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjonijiet taghhom fil-Qorti u kif ukoll mic-certifikat (*a fol.* 17) u mir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 172 *et seq.*) rispettiv taghhom.

Illi apparti l-fatt li l-Qorti tinnota li d-derubat Michael Caruana kien metikoluz, car u lucidu hafna fid-depozizzjoni moghtija minnu u dana minkejja li huwa kellu l-eta′ ta′ sitta u sebghin (76) sena meta sehhet is-serqa in kwistjoni u minkejja l-fatt li rrizulta li ghandu problemi fis-smiegh, minn dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li dak li nghad minn Michael Caruana ghandu jigu kkunsidrat li huwa veritjier u li effettivament wiehed mill-persuni nvoluti fis-serqa in kwistjoni fuq Michael Caruana kien l-imputat. Ma′ dan il-Qorti tinnota li Michael Caruana kien identifika lill-imputat mal-ewwel tant li, apparti dak li qal Caruana fid-depozizzjoni tieghu, fl-okkorrenza redatt minn PS 827 Edward Grech (Dok. "EG 1" – *a fol.* 218 *et seq.*) gie indikat is-segwenti: *"Il-vittma identifika wiehed mill-aggressuri bhala Keith maghruf bhala in-Nammu, li kien liebes flokk bhal tal-gewwa (kaccaturi), kif ukoll kien hemm persuna ohra …"* (*a fol.* 220). Anke meta fit-12 ta′ Frar 2012 Michael Caruana xehed quddiem Dr. Joe Mifsud nominat fl-Inkjesta Magisterjali, Caruana qal: *"Jien gharaft lil dak li dahal l-ewwel u sawwatni. Gharaftu mill-istatura u lehnu. Kien Kieth in-Nammu"* (*a fol.* 93-94). Dan kollu li ghadu kemm inghad huwa bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat li huwa kien wiehed mill-persuni li kkommetta s-serqa fuq Michael Caruana dakinhar tal-11 ta′ Frar 2013.

Illi, apparti minn dak li nghad hawn fuq u minkejja dak konkluz mill-Espert Profs. Alfred Vella fir-rapport tieghu (Dok. "AV 1" – *a fol.* 276 *et seq.*), riferenza tista′ ssir ukoll ghal dak li gie konkluz

minn Joseph Mallia fir-rapport tieghu (Dok. "JM 2" – *a fol.* 234 *et seq.*), fejn ikkonkluda s-segwenti:

> "Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 13 AKQ 203 mad-dokument 12 AKQ 202 irrizulta illi, l-parti tal-marka tal-pedata li tidher stampata fuq iz-zarbuna l-leminija ta' lewn iswed dokument 13 AKQ 203 taqbel pozittivament, u ghalhekk hija identika ma' parti mill-qiegh taz-zarbuna tax-xellug, taz-zarbun tal-marka *"Gola"* dokument 13 AKQ 202" (*a fol.* 245).

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak li jiddisponu Artikoli 262(1)(a), 262(2), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata, inkluz il-kwalifiki tal-vjolenza, valur u hin kif imsemmija fl-imsemmija imputazzjoni.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Arrest, Detenzjoni jew Sekwestru skond il-Ligi):**
Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josmar Pace**, fejn inghad is-segwenti:

> "L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jiddisponi li:
>
> "Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."
>
> Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza *una volta* u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-appellant ma kellux awtorita' skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. […]

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma *"sekwestru"* f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-artikolu tal-Kap. 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika jindika li taht dan il-Kap. jaqa' agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti *'by words alone if one submits'*. [vide **<u>Il-Pulizija v Albert Cassar</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]

**Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale** jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal Artikolu 86 taghna *a fol*. 112 para. 788; Vol II billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia **assoluta**[1] e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita' di scampo o di soccorso".*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale**[2] jghid:

[1] Emfazi tal-Qorti tal-Appell.
[2] Ediz. 1977; pg. 134.

*"Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non é totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. É necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.""*

Ghandu jinghad li hu pacifiku li l-imputat ma kellux ordni skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Pero' jista jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lill-vittma Michael Caruana?

Illi filwaqt li, ghal darba ohra, il-Qorti tirrafferma li l-vittma Michael Caruana kien lucidu, metikoluz u car hafna fid-depozizzjoni moghtija minnu, kemm meta xehed quddiem il-Qorti u kif ukoll meta xehed quddiem l-Espert Dr. Joe Mifsud li gie nkarigat fl-Inkjesta Magisterjali, liema depozizzjoni ghandha tigi emmnuta minhabba l-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, jinghad ukoll li mid-depozizzjoni ta' Caruana jirrizulta s-segwenti:

- Wara li l-vittma Michael Caruana fetah nofs il-garaxx, sab ragel fuqu li qabdu u tefghu l-gewwa liema persuna qabdu minn idejh u minn go wiccu, habbtu mal-faccata tal-garaxx u tefghalu *spray* go ghajnejh, u ma setghax jiccaqlaq.

- Il-vittma jghid li kien l-imputat li qabdu minn idejh u jghid ukoll li meta l-imputat zammu mal-hajt, l-imputat tefa' siequ fuq siequ biex ma jiccaqlaqx u z-zarbun immarka l-qiegh kollu fuqu.

- Kien biss wara li l-persuni telqu minn fuq il-post li l-vittma tela' jigri minn gol-garaxx u b'hekk il-vittma setgha jara l-vann Isuzu ahmar li jaghmel riferenza ghalih fid-depozizzjoni tieghu.

- Caruana jixhed li sofra griehi fuq wiccu, specifikament fuq ghajnejh tal-lemin u dik tax-xellug u li kellu wkoll griehi go nofs dahru bil-konsegwenza li ma setghax icaqlaq dahru. Da

> parte taghhom, kemm Dr. Andrew Farrugia Wismayer u kif ukoll Dr. Mario Scerri xehdu li meta huma ezaminaw lil Michael Caruana kkonstataw li l-imsemmi Caruana sofra griehi ta' natura hafifa. Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjonijiet taghhom fil-Qorti u kif ukoll mic-certifikat (*a fol.* 17) u mir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 172 *et seq.*) rispettiv taghhom

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li Caruana ma setghax jitlaq liberament ghajr ghal meta l-persuni li marru fuqu telqu l-hemm. Huwa minnu li dan gara fi ftit minuti, pero' l-fatt li l-vittma Caruana gie effettivament u fizikament mizmum milli jiccaqlaq kemm b'sieq u b'id l-imputat u b'hekk huwa ma seta' jmur imkien f'liema hin huwa gie misruq minn fuq persuntu u tenut kont ta' dak li nghad fis-sentenza kwotata hawn fuq ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u li l-imputat ser jinstab hati taghha b'dan illi giet pruvata wkoll ic-cirkostanza aggravanti *ai termini* ta' Artikolu 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Michael Caruana)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura hafifa fil-konfront ta' Michael Caruana.

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Michael Caruana, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex waħda ħafifa u ta' importanza zgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-Ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-Ġudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, għalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-Ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża".

Illi l-vittma Caruana xehed li sofra ġrieħi fuq wiċċu, speċifikament fuq għajnejh tal-lemin u dik tax-xellug u xehed ukoll li kellu ġrieħi ġo nofs dahru bil-konsegwenza li ma setgħax iċaqlaq dahru. Apparti d-deposizzjoni mogħtija minn Michael Caruana fejn xehed rigward il-ġrieħi sofferti minnu, il-Qorti tagħmel riferenza għad-deposizzjoni mogħtija minn Dr. Andrew Farrugia Wismayer u għaċ-ċertifikat mediku (*a fol.* 17) rilaxxat minnu wara li huwa eżamina lill-vittma l-għada li ġie misruq, cioé fit-12 ta' Frar 2013, fejn jingħad li l-vittma Caruana sofra ġrieħi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet. Dr. Mario Scerri, l-Espert Mediku Legali li ġie appuntat fl-Inkjesta Maġisterjali, eżamina lill-vittma Caruana fit-13 ta' Frar 2013 u kemm fid-deposizzjoni tal-imsemmi Dr. Scerri u kif ukoll mir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 172 *et seq.*) redatt minnu jirriżulta li l-vittma Caruana sofra leżjonijiet ta' natura ħafifa.

Tenut kont ta' dan kollu, m'hemmx dubju li mill-provi prodotti jirriżulta li t-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jiġi misjub

hati taghha, b'dan illi ghandu jirrizulta wkoll Artikolu 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li mic-certifikat tat-twelid (Dok. "JG 1" – *a fol.* 198) tal-vittma Caruana, il-vittma kellu sitta u sebghin (76) sena meta gara l-akkadut.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Uzu ta' Arma tan-Nar, Arma Regolari, Imitazzjoni t'Arma tan-Nar jew Imitazzjoni t'Arma Regolari)</u>**
**<u>(Zamm jew Importa Sustanza Irritanti li Huwa Projbiti (*Pepper Spray*)</u>:**

Illi tul id-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti, Michael Caruana xehed, fost l-ohrajn, li meta l-imputat qabdu minn idejh u habbtu mal-faccata tal-garaxx, l-imputat tefghalu *spray* go ghajnejh u jghid ukoll: *"Ma kontx qed nara dak il-hin bl-ispray li kelli go ghajnejja, bil-hruq. U ghidt, rajt il-vann sejjer, ghidt, "dak il-vann nafu". Ghidt, "ezatt kif qtajt jien""* (*a fol.* 49). Quddiem l-Espert Dr. Joe Mifsud nominat fl-Inkjesta Magisterjali, Michael Caruana qal: *"Sprejjali xi haga f'ghajni li bdew jaharquni u wara ftit ma bdejtx nara ghax hu tajjarli n-nuccali u anke qalali l-hearing aid""* (*a fol.* 94). L-istess haga tirrizulta fl-okkorrenza redatt minn PS 827 Edward Grech (Dok. "EG 1" – *a fol.* 218 *et seq.*) fejn gie indikat is-segwenti: *"dlonk dahlu fuqu tliet persuni li kienu mghammda fejn persuna minnhom sabtitu mal-hajt u zammitu kif ukoll sprayawlu pepper spray f'ghajnejh […]. Minn fuq il-post gie elevat bott iswed (pepper spray) li allegatament gie uzat fuq il-vittma hekk kif zammewh gol-garage […]."* (*a fol.* 220).

Illi ghandu jinghad li wiehed mir-ritratti li jifforma parti mir-rapport ta' PC 1331 Darren Debattista (Dok. "DD 1" – *a fol.* 106 *et seq.*) huwa ritratt ta' bott spray bil-kliem *"Defender of Women and Man"* (*a fol.* 109). Dan gie elevat u ezebiet minn PC 650 Justin Tabone skond ma jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu, minn dak ezebiet minnu (Dok. "JT 1") u mir-rapport tieghu (Dok. "JT 2" – *a fol.* 187 *et seq.*). Da parte tieghu, fir-rapport tieghu (Dok. "AV 1" – *a fol.* 276 *et seq.*), Profs. Alfred Vella ndika li l-prodott maghruf bl-isem *"Defender of Women and Men"* hu *"tip ta' pepper spray jew materjal li jikkawza irritazzjoni intensa u skonfort meta jigi f'kuntatt mal-ghajnejn jew mal-kondotti tan-nifs (air ways)"* (*a fol.* 277).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Elaine Muscat** deciza fis-27 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet li *"pepper spray, sakemm ma jkunx pruvat mod iehor, mhux sustanza li tahraq jew korroziva, xorta wahda hija arma regolari"*.

Tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li z-zewg imputazzjonijiet in ezami gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Zewg Digrieti li Bihom l-Imputat Inghata l-Liberta' Provizorja)</u>:**
Illi jinghad fl-imputazzjoni in ezami li l-ksur in kwistjoni kien dak li l-imputat ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Illi minkejja li l-imputazzjoni in ezami taghmel riferenza ghal zewg digrieti, fl-atti processwali gew ezebiti vera kopja ta' dokumenti relattivi ghal digriet wiehed (Dok. "JM 3" – *a fol.* 268 *et seq.*). Jirrizulta li fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 538), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir l-identifikazzjoni ghal finijiet tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja kif impost fid-digriet hawn fuq imsemmi u dana *stante* li l-istess difiza rrikonoxxiet illi l-imputat indikat fid-dokument imsemmi huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna.

Minkejja l-ezenzjoni tad-difiza hawn fuq imsemmija u minkejja li meta l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza odjerna l-iSpettur James Grech xehed is-segwenti: *"il-kawza ghadha pendenti kif jien informat mill-iSpettur Frank Tabone quddiem din l-istess Qorti pero' bhala Qorti ta' Ghawdex"* (*a fol.* 267), il-Qorti tinnota li kellha tigi nformata mill-iSpettur Frank Tabone <u>nnifsu</u> (l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza fejn l-imputat inghata l-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja in kwistjoni) li jixhed li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu inghataw ikunu ghadhom pendenti **fil-mument** meta jkun gie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan ma sarx. Dak li

nghad mill-iSpettur James Grech hawn fuq u li gie kwotat huwa biss *detto del detto*.

*Stante* li l-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni kif kellha ssir, ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li l-proceduri penali in kwistjoni kienu ghadhom pendenti. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li l-imputazzjoni in ezami ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Recidiv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**:
Illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li tul is-smiegh tal-proceduri odjerni, il-Prosekuzzjoni ezebiet zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JG 2" u "JG 3" (*a fol.* 199 *et seq.*). Apparti li l-Qorti kif preseduta ghandha r-rizervi taghha jekk dawn id-dokumenti ghandhomx jitqiesu bhala "sentenzi", il-Qorti, minghajr ma toqghod tispjega ghala ghandha dawn ir-rizervi ghax din l-ispjegazzjoni m'hijiex mehtiega f'dan il-kaz, tinnota li dawn id-dokumenti lanqas biss gew certifikati bhala vera kopja tal-original u ghaldaqstant ma ghandhom l-ebda valur probatorju. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex ser tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha ghajr ghas-sitt imputazzjoni li gew sodisfacentement pruvati. L-imputat m'huwiex ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006

fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-

sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, filwaqt li l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, wara li kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti: in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali (*a fol.* 8 *et seq.*) tal-istess imputat (minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrejgh mal-ligi diversi drabi) u kif ukoll dak li xehdet l-Ufficjal tal-*Probation*

Maryanne Zammit u dak li jirrizulta fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MZ 1" – *a fol.* 589 *et seq.*) redatt minnha.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ma ssibux hati wkoll lanqas talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah mis-sitt (6) imputazzjoni msemmija u tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni fic-*charge sheet* fejn il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 31 ta' Lulju 2014 u senjatament

Artikoli 86, 87(1)(c), 214, 215, 221(1), 221(2), 222A(1), 261(a), 261(c), 261(f), 262(1)(a), 262(2), 267, 270, 274(c), 275, 276A, 277(a), 279(b), 280(2), u 280(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

u

Artikoli 3(a) u 55(a) u sub-inciz 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Keith-Joseph Mallia hati tal-ewwel (1) (inkluz tal-kwalifiki hemm imsemmija), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erbghin (40) xahar prigunerija.

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni kontenuti fic-*charge sheet* sabiex il-Qorti tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat, sabiex il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid tieghu u sabiex tordna li l-flejjes imposti fuqu jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u dana *stante* li l-

imputat gie liberat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Mallia sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' tlitt'elef, erba' mija u hamsa u erbghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€3445.58).[3]

Il-Qorti, filwaqt li tichad it-talba kontenuta fic-*charge sheet* sabiex tigi ordnata l-konfiska tal-vann bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986 u dana *stante* li dan il-vann gie rilaxxat fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 549) in segwitu ta' Rikorsipprezentat minn Emanuel Mallia fis-26 ta' Frar 2013 (*a fol.* 60), tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati (inkluz il-*pepper spray* li jsir riferenza ghalih fl-atti processwali) u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja hekk kif indikat mill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit fir-rapport taghha (Dok. "MZ 1" – *a fol.* 589 *et seq.*).

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[3] Dr. Joe Mifsud (Dok. "JM 1" – *a fol.* 84 *tergo*) (€443.68); PC 1331 Darren Debattista (Dok. "DD 1" – *a fol.* 108) (€138.79); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS 1" – *a fol.* 160 *tergo*) (€436.18); Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 184) (€ 212.92); PC 650 Justin Tabone (Dok. "JT 2" - *a fol.* 191) (€53.62); Joe Mallia (Dok. "JM 2" – *a fol.* 255) (€485.84); Profs. Alfred Vella (Dok. "AV 1" – *a fol.* 283) (€537.20); Dr. John Seychell Navarro (Dok. "JSN 1" – *a fol.* 302) (€1137.35).